MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 642/2002/1

**George Muscat li jiggestixxi d-ditta Transtran Services**

**Vs**

**Brian Mizzi u Stephania Gatt**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ elf erba’ mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm1,485) rapprezentanti arretrati ta’ kera ghall-perjodu bejn Lulju 1999 u Marzu 2002 bil-kera ta’ hamsa w erbghin lira Maltin (Lm45) fix-xahar.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn qalu li t-talba attrici ghandha tigi respinta stante illi l-ammont ta’ kera mitlub mhux dovut. Jikkonfermaw illi huma debituri biss ghall-kera ta’ sena u xahrejn.

Fit-tieni lok qalu li l-kumplament tal-kera kienet thallset lill-attur skond ftehim partikolari liema ftehim huwa spjegat fil-kawza.

Ra illi l-konvenut iddikjara li huwa debitur ta’ l-attur ghall-kera ta’ sena u xahrejn biss fl-ammont ta’ hamsa w erbghin lira Maltin (Lm45) fix-xahar. Iddikjara wkoll illi qatt ma nghata rcevuta tal-pagamenti u qal illi ma baqax ihallas il-kera minhabba li kienet saret hsara fis-soqfa u l-attur irrifjuta li jsewwi.

Ra x-xhieda ta’ l-attur fejn jghid illi darba minnhom il-konvenut hallsu ghaxar liri Maltin (Lm10) u qallu li dawn ma kellhomx x’jaqsmu mal-kera izda talli l-attur kien qed jiehu pacenzja bih.

Jghid illi hu kien ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija tal-Belt izda qatt ma tawh dan ir-rapport. Jichad li kien imur ta’ spiss ghand il-konvenut kif ukoll jichad illi ftiehem ma’ l-istess konvenuti sabiex ikollu x’jaqsam mal-mara tal-konvenut u ghalhekk ma jitlobx kera.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ Brian Mizzi fejn jghid illi kien iltaqa’ ma’ l-attur f’lukanda minhabba li Muscat kien *accountant* hemmhekk. Jghid illi f’din il-lukanda kien iltaqa’ mal-konvenuta Gatt illum il-gurnata martu. Brian Mizzi kkonferma li n-nisa li kien hemm fil-lukanda fejn kien jahdem l-attur bhala *accountant* kienu prostituti u Stephania Gatt kienet minuri u tahdem hemm bhala prostituta.

Jghid li f’dak il-perjodu Gatt riedet tikri l-post izda hi kellha biss sittax-il sena u ghalhekk talbitu sabiex jiffirma l-kuntratt ta’ kera f’ismu. Mizzi mbaghad jghid illi fil-fatt il-konvenuta kienet diga’ tikri dan il-post minghand l-attur

qabel ma sar il-kuntratt. Jikkonferma li l-kera tal-post kienet dik ta’ hamsa w erbghin lira Maltin (Lm45) fix-xahar.

Mizzi jghid illi l-kuntratt kien sar fl-ufficcju ta’ l-attur fil-VAT Office. Jghid ukoll illi Gatt kellha ftehim ma’ l-attur sabiex hu jmur maghha minflok thallsu l-kera. L-attur kien imur ghand Gatt xi hames darbiet fix-xahar u gieli kien anki prezenti hu.

Jikkonferma li kien prezenti meta Gatt talbet lill-attur sabiex jirranga s-soqfa izda l-attur qal li ma kellux minfejn jirrangahom.

Jiftakar ukoll illi darba minnhom il-konvenuta kienet hallset mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125).

F’xhieda ohra ta’ l-attur jghid illi l-fond, meta nkera mill-konvenuti, kien proprjeta’ ta’ *limited liability company* u llum il-gurnata hija *partnership*. Jikkonferma li hu kien kemm il-*managing director* kif ukoll ix-*shareholder* f’din il-kumpanija.

Ra r-rapport tal-Perit Doublet.
Ra r-Risposta ulterjuri tal-konvenuti fejn jghidu li din il-kawza hija nulla stante illi l-attur *ex admissis* meta kera l-fond in kwistjoni qal li krieh tramite l-kumpanija tieghu u ghalhekk l-attur m’huwiex il-legittimu kontradittur.

Ra x-xhieda ta’ Stephania Mizzi nee Gatt fejn tikkonferma li l-attur kien klijent taghha. Tghid ukoll illi waqt li kienet thallas hamsa w erbghin lira Maltin (Lm45) fix-xahar l-attur kien imur ghandha sabiex minflok ittih il-flus tal-kera kienet thallsu bix-xoghol taghha u cjoe’ li kienet tahdem ta’ prostituta.

Tikkonferma li ma kienetx iffirmat il-kuntratt minhabba li kienet ghadha taht l-eta’ u kien ghalhekk li gie Brian Mizzi sabiex jiffirma ghaliha. Meta sar il-kuntratt hi kellha biss hmistax-il sena.

Tghid illi ma tafx kemm hallset lill-attur. Il-post illum il-gurnata huwa vojt u ilu hekk xi sena. Il-konvenuta tghid illi qatt ma tatu c-cwievet lura minhabba li ma kienetx taf fejn joqghod l-attur.

Tghid ukoll illi ma kien sar l-ebda diskors dwar l-iskop tal-kirja imma l-attur kien imur ghandha u ghalhekk kien jaf ghaliex qed jintuza.

**Ikkunsidra**

Illi George Muscat xehed wara din ix-xhieda ta' Brian Mizzi u ma cahadx il-verzjoni li ta Brian Mizzi.

Illi jirrizulta li l-konvenuta kienet ghal xi zmien tahdem bhala prostituta f'lukanda fejn l-attur kien jahdem ta' *accountant*. F'dak iz-zmien il-konvenuta kienet minuri. Illi jirrizulta li l-attur kien jaf jew missu kien jaf li l-konvenuta kienet se tikri l-post ghal skopijiet ta' prostituzzjoni meta kienet ghadha minuri. Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba ta' l-attur.

Ghaldaqstant jichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------